Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris. (Eur. Law)

Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)
vs
Victor Zammit

Illum 27 ta’ Dicembru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Victor Zammit, iben John u Beatrici nee’ Piscopo, imwieled Pieta fit-12 ta’ Awissu, 1973 u detentur tal-karta’ ta’ l-identita’ numru 364973(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli :

(a) f’Rahal Gdid, u f’dawn il-gzejjer fi granet u hinijiet differenti matul ix-xhur ta’ bejn Frar u Marzu, 1996 bhala ufficjal jew impjegat pubblika, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel

xi att, b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor u cioe' ta' Christopher Shephard li fil-present jinsab residenti fil-Facilita' Korrettiva' ta' Kordin;

(b) fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat f'amministazzjoni pubblika, jew impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm, jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taht il-libsa tal-kariga tieghu, b'theddid jew b'abbuz ta' awtorita', esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi;

(c) fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li testorci flus jew xi haga ohra, jew li jaghmel xi qliegh, jew bil-hsieb li ggieghel lil persuna ohra u cioe' lil Christopher Shephard jesegwixxi xi att, hedded lill-istess Christopher Shephard li jaghmel denunzja jew kwerela kontra tieghu, jew li jaghtih malafama bhala hati ta' reat jew ta' fatt li jtellef il-gieh, u liema theddid wassal fil-hseib tieghu;

(d) fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, uza vjolenza sabiex iggieghel li xi hadd u cioe' lil Christopher

Shephard jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;

(e) fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet ta' wara, xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun ndahal biex ibieghhhom jew imexxihom;

(f) U finalment talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reati kif dedotti li hu kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-14 ta' Jannar, 2000 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

Fl-Artikoli 112, 113, 114, 251, 252, 334, 141, 101, 110, 119, 138, 139, 140, 18, 31, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti inkluz lill-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-Magistrat Dr Saviour Demicoli fil-25 ta’ Novembru tan-1997 waqt il-kawza li kienet qeghda tinstema fl-ismijiet il-Pulizija kontra Christopher Shepherd u Carmel sive Carmelo Darmanin, l-imputat f’dik il-kawza Christopher Shepherd kien ghamel allegazzjoni fis-sens illi xi membri tal-korp tal-pulizija kienu qeghdin jirrikattawh u li huwa kellu jisraq xi oggetti biex jghaddihom lil xi ufficjali tal-pulizija. Ghalhekk l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Carmelo Magri baghat ghal Christopher Shepherd u tah is-solita twissija u Shepherd ghamel stqarrija fejn indika lil xi pulizija stazzjonati mal-Mobile Squad li skond hu kienu qed jaghmlu dan ix-xoghol u li ma kienux qeghdin ihalluh bi kwietu. Fil-fatt Christopher Shepherd kien qal lill-Ispettur illi kien imur ghandu certu wiehed Victor li kien jaf li kien pulizija tal-mobile. L-Ufficjal

Prosekutur irrizultalu illi Shepherd kien qieghed jirreferi ghall-imputat fuq imsemmi. Skond Shepherd l-imputat fuq imsemmi kien talbu igiblu ‘stereo’ tal-marka ‘Roadstar’. Hu beza minnu peress illi skond Shepherd l-imputat beda jheddu u allura ghamel dak illi qallu. Dejjem skond Shepherd l-imputat beda jitolbu affarijiet ohrajn fosthom ‘speakers’ u accessorji ohra. Wara illi kien ghaddielu dan l-istereo li kien talbu, dejjem skond Shepherd, l-imputat kien qallu li dan l-istereo ma kienx tajjeb u talbu igiblu iehor digital. Pero’ Shepherd qal li kien baqa ma tah xejn. Shepherd kien semma ukoll lill-pulizija ufficjal iehor tal-pulizija, certu PC 1121 Tonio Magro.

Illi l-imputat fuq imsemmi gie mitkellem mill-pulizija u irrilaxxja stqarrija fejn qal illi kien dahal fil-pulizija f’Jannar tan-1994. L-ewwel kien gie stazzjonat Rahal Gdid u sussegwentement kien stazzjonat il-Mobile Squad ghall-habta ta’ Novembru, 1995 fejn dam sal-1997 u wara gie stazzjonat is-CID. F’April, 1998 rega gie trasferit ghal Rahal Gdid fejn kien ghadu sa dakinhar illi irrilaxxja l-istqarrija, jigifieri id-19 ta’ Gunju, 1998. L-imputat fuq imsemmi gie mistoqsi dwar Christopher Shepherd. Huwa cahad l-allegazzjoni li ghamel Shepherd fil-konfront tieghu fis-sens illi huwa kien jhedded lil Shepherd u igieghelu jisraq xi ‘videos’ tal-karozzi ghalih. Mistoqsi jekk kienx jaf lil

Christopher Shepherd l-imputat qal illi jafu peress li mhux l-ewwel darba li gie inkarigat mis-superjuri tieghu sabiex jarrestah. Jaf ukoll illi Shepherd joqghod Rahal Gdid. L-imputat cahad b'mod kategoriku illi matul iz-zmien li kien stazzjonat il-Mobile Squad kien fittex lil Shepherd sabiex jaghtih xi 'video'. Cahad ukoll illi kien jhedded lil Shepherd fis-sens illi jekk ma igiblux xi apparat tal-istereo kien jirraportah illi jisraq u li isuq il-karozza tieghu minghajr licenzja tas-sewqan. Huwa qal ukoll illi lanqas biss qatt ma ra lil Shepherd isuq u lanqas jaf jekk kellux karozza, ahseb u ara li kien qieghed isuq minghajr licenzja tas-sewqan. L-imputat cahad li kien irceva xi 'stereo' tal-marka 'Roadstar' minghand Shepherd u mistoqsi ghalfejn Shepherd allura qieghed jaqla dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu, l-imputat wiegeb li ma jafx ir-raguni. Pero' huwa cahad li qatt kellu x'jaqsam ma dan it-tip ta' theddid. Mistoqsi dwar PC1121 Tonio Magro l-imputat wiegeb illi jafu ghaliex kien stazzjonat mieghu Rahal Gdid u anke fil-Mobile Squad. Pero' cahad li qatt mar ma Tonio Magro ifittex lil Shepherd hdejn il-bandli ta' Rahal Gdid. Huwa cahad illi qatt hedded lil Shepherd meta kien stazzjonat is-CID mal-Ispettur David Saliba. Huwa qal pero' illi meta kien stazzjonat mal-Ispettur David Saliba jiftakar illi kien gab lil Shepherd mill-habs sabiex l-Ispettur David Saliba jinvestigah fuq xi kaz, li pero' ma kien jaf xejn dwaru. L-imputat cahad ukoll illi

meta kien xi darba skorta ma prigunier u ra lil Shepherd fil-'lock up' tal-Belt heddu bit-tifla u l-gharusa tieghu. Huwa qal illi lanqas jaf li ghandu gharusa u lanqas jaf ukoll illi Shepherd kellu t-tfal.

Illi xehed l-Ispettur David Saliba illi mieghu kien addedat l-imputat fuq imsemmi. Huwa qal illi darba minnhom kien qieghed jinvestiga lil Shepherd u kien baghat lill-imputat fuq imsemmi sabiex igib lil Shepherd mill-habs ghall-ufficju tieghu is-CID. L-Ispettur Saliba xehed illi meta beda jkellem lil Shepherd, Shepherd kien allega li l-persuna li kien qed jaghmel referenza ghaliha kien l-imputat fuq imsemmi. Ghal din ir-raguni l-Ispettur Saliba hass li ma setghax ikompli jinvestiga dan il-kaz peress illi l-imputat fuq imsemmi kien xuffier mieghu u talab illi l-kaz jigi assenjat lil xi Spettur iehor. L-Ispettur Saliba kompla jixhed illi darba minnhom huwa kien qieghed il-Qorti u jaf illi l-imputat ukoll kien fil-kuritur tal-Qorti, kien hemm ukoll Christopher Shepherd u Christopher Shepherd kien qal lill-imputat. "Mhux ghalik kont qed nirreferi." L-Ispettur Saliba xehed illi l-imputat dak il-hin kien ftit passi 'il boghod minnu u dak il-hin stess l-imputat mar fuqu u qal lill-Ispettur Saliba, "Sir smajtu x'qalli?" u irrakkontalu illi dak il-hin Shepherd kien qallu li ma kienx qieghed jirreferi ghalih. Pero l-Ispettur Saliba xehed illi x'intqal ezattament ma jafx. L-Ispettur

Saliba xehed illi meta kien addedat mieghu il-komportament tal-imputat kien wiehed ezemplari.

Illi xehed Christopher Shepherd f'dawn il-proceduri u qal illi meta kellu kawza quddiem il-Magistrat Dr. Saviour Demicoli huwa kien qal lis-Supretendent Bertu Mula fil-prezenza tal-Magistrat Saviour Demicoli illi kienu jigu ghandu zewg pulizija tal-mobile u wiehed minnhom kien jghidlu, "Gibli stereo". Huwa xehed illi l-pulizija li kien jghidlu dawn il-kliem kien l-imputat fuq imsemmi. Qal ukoll illi l-imputat kien jghidlu, jekk ma igibliex l-istereo nigbrok, jigifieri narrestak, ma inhallikx tghaddi mit-triq. Shepherd kompla jixhed illi kien imur id-dar mat-tfajla tieghu u kien jara lill-imputat wara l-bieb. Skond Shepherd l-imputat ma kienx ikellmu fil-prezenza tat-tfajla tieghu. Kien issejjahlu u kien jghidlu, "Gibli 'stereo' ghaliex dan ma jghogobnix u gibli ukoll 'speakers'". Shepherd xehed illi kien hemm pulizija iehor xoghol mieghu u kien semghu jghid dan il-kliem u dan il-pulizija kien certu Toni Magro. Shepherd kompla jghid illi kien ta 'stereo' lill-imputat tal-ghamla 'Roadstar' fin-1996. L-imputat kien hadu u wara qallu li ma kienx ghogbu. Skond Shepherd l-imputat kellu Land Rover ta' lewn celesti u s-saqaf abjad. L-imputat kien joqghod il-Fgura u kien jghidlu sabiex igiblu l-istereo ghand ommu fir-'roundabout' inti u niezel lejn Bormla. Shepherd xehed illi apparti dan l-

istereo Roadstar huwa qatt ma ta aktar stereos lill-imputat u ghalkemm kien talbu l-ispeakers huwa qatt ma kien tahomlu. Shepherd xehed illi ta' dan l-istereo Roadstar l-imputat qatt ma kien hallsu. Dejjem skond Shepherd meta kien baghat ghalih l-Ispettur David Saliba kien gie ghalih l-imputat u kien qallu, "Mohhok hemm". U kif kienu id-Depot, skond Shepherd, l-imputat kien ghamel ghalih fil-kuritur. Shepherd kompla jixhed illi l-imputat kien jipprova jitfa kollox fuq Toni Magro u ghalhekk Toni Magro kien ghamel ghalih fil-kuritur tal-CID meta kien mar ikellem lill-Ispettur Saliba u lil Toni Magro kien qallu, "Jiena mhux ghalik kont qieghed nghid". Shepherd xehed ukoll illi l-imputat darba minnhom kien heddu il-Qorti u kien qallu, "Inti ghandek tifla hux?" U dan gara ghall-habta ta' Frar, 1999.

Illi xehed PC1121 Tonio Magro u qal illi huwa kien stazzjonat flimkien mal-imputat il-Mobile Squad. PC1121 xehed illi kien qara fil-gazzetta dwar l-allegazzjoni li kien ghamel Shepherd fis-sens illi l-imputat kien hedded lil Shepherd u talbu jaghtih xi 'stereo' u qal illi anke huwa stess kien gie investigat dwar dan l-incident. PC1121 kompla jixhed illi darba minnhom kien mal-imputat dettaljat xoghol Rahal Gdid, kien hdejn il-bandli u waqfu Christopher Shepherd. Huwa beda jitkellem ma Shepherd, li ilu jafu minn mindu kien zghar u Shepherd kien qallu, "Ghandi

‘stereo’ tridu?” U qallu, “Le m’inhiex interessat”. Huwa xehed ukoll illi Shepherd fil-prezenza tieghu ma kellimx lill-imputat. Ix-xhud kompla jghid illi meta kien xtara l-vettura tieghu tal-ghamla Lada Samara kien gie fuqu Shepherd u qallu illi kellu ‘stereo Jenson’ u qallu, “Trid tippruvah” U hu qallu, “Iva basta mhux misruq”. U Shepherd kien assigurah li ma kienx misruq. Ix-xhud kompla jghid illi sussegwentement kien ipprova dan l-istereo u sab li kien mahruq u tahulu lura. Darba ohra kien mal-imputat il-bandli Rahal Gdid u kien waqqafhom Shepherd u Shepherd kien staqsa lill-imputat jekk riedx ‘stereo Roadstar’ u par ‘speakers’? Huwa qal illi l-imputat dak il-hin l-ispeakers ma hadhomx u ma jafx jekk hadhomx sussegwentement. Pero’ jaf illi l-imputat kien qallu li l-ispeakers ma kienux tajbin. Ix-xhud kompla jghid illi darba minnhom hu u l-imputat kienu ghaddejjin fuq xoghol u ra lil certu wiehed jafuh bhala Shortie qieghed jinnaviga f’mutur u lill-imputat ix-xhud qallu, “Ara hawn hekk joqghod is-Shortie” u baqghu sejrin. Huwa qal illi qal lill-imputat fejn kien joqghod is-Shortie peress illi kien jaf li l-imputat kellu xi ‘clash’ mas-Shortie. Il-‘clash’ kienet dwar xi ‘stereo’ ta’ kuginuh, jigifieri l-kugin tal-imputat. Ix-xhud kompla jghid illi jaf illi l-imputat kien qal lis-Shortie, “Ahjar igibulu l-istereo lill-kugin tieghi ghaliex inti sraqtulu”. U s-Shortie kien qallu, “Le mhux jiena sraqtulu”. Qallu, “Pero’ jekk trid ingiblu stereo”. U l-imputat qallu, “Le

jiena ma irridx stereo iehor, irrid l-istereo li inti sraqt minghand il-kugin tieghi”. Qallu, “Tinsiex illi inti qieghed minghajr licenzja tas-sewqan u nirrappurtak”. Ix-xhud xehed ukoll illi s-Shortie huwa Christopher Shepherd. Ix-xhud kien xehed ukoll illi darba minnhom kien ha lill-imputat fejn joqghod Christopher Shepherd u kien qallu, “Ahjar igibli l-istereo li sraqt lill-kugin tieghi u jekk ma igibux nirraportak li inti ma ghandekx licenzja tas-sewqan.” Umbaghad dejjem skond PC1121 l-imputat qal lil Shepherd, “Jekk mhux ser igibuli, gibli stereo iehor”. Umbaghad komplew bil-patrol. Ix-xhud qal ukoll illi l-imputat kien hajru biex jiehu ‘speakers’ minn tieghu. Dawn l-ispeakers kienu tal-ghamla Roadstar u l-imputat kien qallu illi kien gabhom dawn l-ispeakers minghand Christopher Shepherd. Jidhirlu ukoll illi l-imputat kien offrielu xi radio tal-karozza, pero’ ma ftakarx min fejn l-imputat kien qallu li kien gab dan ir-radio. Sussegwentement qal illi l-imputat kien qal illi dan ir-radio kien gabu minghand Christopher Shepherd u dan huwa l-istess radio illi l-imputat kien talab lil Shepherd biex igiblu.

Illi in kontro-ezami ix-xhud qal illi ma kellu l-ebda problema mal-imputat. Huwa gie mistoqsi jekk kellux xi incident dwar glied fejn il-bandli ta’ Rahal Gdid. Pero’ wara li l-Qorti taghtu twissija illi jekk iwiegeb din id-domanda setgha jinkrimina ruhu, x-xhud ghazel illi ma iwiegibx din id-

domanda. Ix-xhud ghazel ukoll illi ma iwiegibx id-domanda jekk kienitx ghal din ir-raguni li l-pulizija ma hallewhx ikompli jaghmel aktar xoghol mal-imputat. Ix-xhud gie mistoqsi jekk kienx vera jew le li kien qal illi ried jaghmel vendikazzjoni lill-imputat talli ma hallewx jaghmel aktar xoghol ta' bil-lejl u x-xhud ukoll ghazel li ma iwiegibx din id-domanda peress illi r-risposta tieghu setghet tinkriminah.

Illi xehed PS1021 Joseph Urpani u qal illi ilu xi 7 jew 8 snin stazzjonat il-Mobile Squad u illi kien jaf lill-imputat peress li kien kuntistabbli mieghu meta kien gie l-ewwel darba il-Mobile Squad. Urpani xehed illi fiz-zmien in kwistjoni il-'partner' tieghu kien PC 1121 Tonio Magro, kienu jahdmu flimkien ghal xi tlieta, erba' xhur u umbaghad l-imputat kien ha 'partner' iehor u baqa' sal-ahhar ma 'partner' iehor. Ix-xhud qal illi darba minnhom kien hemm incident illi fih kellu x'jaqsam PC1121 Tonio Magro. Huwa ma kienx dahal fil-kaz, pero' jaf li l-imputat kien avvicinah u kien qallu sabiex jibdillu l-'partner' tieghu u jidhirlu illi l-imputat kien qallu illi PC1121 kien gideb lil xi hadd. L-imputat talbu sabiex jibdillu l-'partner' u huwa laqa t-talba tieghu. Huwa jidhirlu li f'dan l-incident Tonio Magro kien gidem lil xi hadd hdejn il-bandli ta' Rahal Gdid. Ix-xhud qal ukoll illi l-imputat dejjem ghamel xogholu sew.

Illi xehed PS1114 Saviour Pulo u qal illi huwa ghamel tfittxijiet f'zewg landrovers tal-imputat, ghamel tfittxija ghal xi 'stereos' u irrizultatlu fin-negattiv. It-tfittxija saret ukoll ghall-ispeakers u ukoll kienet fin-negattiv.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament u ikkonferma l-istqarrija li kien irrilaxxja lill-pulizija u xehed illi darba minnhom kien 'second watch' u kien irceva ordni biex jigbor lil Christopher Shepherd. Kien mar flimkien mal-'partner' tieghu ghand in-nanna ta' Christopher Shepherd li kienet qaltilhom li Shepherd kien qieghed il-hanut ta' missieru Birzebbugia. Kienu marru ghalih hu u PC480 u kif dahlu fil-hanut sabuh hdejn il-'billiards' u Shepherd offra resistenza. Huma gibduh u huma u hergin bih 'il barra, dejjem skond l-imputat, Shepherd dar fuqu u bezaqlu f'wiccu. Sa kemm wasslu Rahal Gdid baqa joffri resistenza, joffendihom bil-familja u jghidilhom li kien ser ippattihielhom u lill-imputat qallu, "Inti naf fejn toqghod". L-imputat xehed illi huwa ma tax kasu u qallu, "Meta trid ejja sibni, jiena xogholi qieghed naghmel". Dakinhar stess haduh il-'lockup' u hu hemm hekk baqa jghajjat. Shepherd fil-prezenza ta' PC988 baqa jghid illi kien ser ippattihielu, jigifieri lill-imputat. L-imputat xehed ukoll illi huwa hin minnhom ma xtaqx ikompli jahdem ma Tonio Magro Kien avvicina lis-Surgent Urpani u qallu biex ma jaghmlux aktar xoghol ma

Tonio Magro u dana peress illi darba minnhom kien hemm incident fejn Tonio Magro kien gidem lil xi hadd. Huwa xehed ukoll illi Magro huwa vicin ta' Shepherd fis-sens illi joqghodu hdejn xulxin. L-imputat cahad illi Magro gieli gie mieghu ghand Shepherd biex jitolbu xi 'stereos' u cahad ukoll illi staqsa lil Magro fejn joqghod Shepherd u dana peress illi huwa jaf sew fejn joqghod Shepherd peress li kien l-ewwel persuna li kien arresta meta dahal fil-korp tal-pulizija. Huwa xehed illi fin-1996 kellu landrover ahdar minghajr saqaf u ma kien izomm xejn fih ghaliex ma kienx jissakkar. Huwa cahad ukoll illi qatt talab xi 'stereo' minghand Shepherd u cahad illi qatt ressaq lil xi kugin tieghu ghand Sheperd biex jixtri xi 'radios' minghandu. Hu qal illi qatt ma kellu xi kugin li talbu biex jakkwistalu xi 'stereo'. L-imputat kompla jixhed illi meta kien mal-Ispettur David Saliba, l-Ispettur Saliba kien baghatu ghal Shepherd il-habs. Dakinhar kien gab lil Shepherd u dahlu ghand l-Ispettur Saliba u kien qieghed jigi investigat ukoll pulizija iehor Tonio Magro. Wara ftit hin Shepherd hareg barra. L-Ispettur Saliba qalilhom sabiex izommuh lil Shepherd ghaliex l-Assistent Kummissarju kien qieghed ikellem lill-Ispettur Saliba. Shepherd rega' dahal gewwa, ghamel ftit hin gewwa u kien mar iwasslu xi haddiehor lejn il-habs. Ftit hin wara l-pulizija kienu investigaw lilu. L-imputat kompla jghid illi darba minnhom kien fil-kuritur tal-Qorti, wara li

kienet saritlu l-investigazzjoni u kien ra lill-Ispettur Saliba. Kienu mexjin mil-lift lejn id-direzzjoni tal-Awla Nru. 9 u Shepherd qallu, “Isma ha”. L-imputat qallu, “Lili tkellimnix”. U Shepherd qallu, “Jiena mhux ghalik qieghed nirreferi.” Dak il-hin stess l-imputat kien mar jghid lill-Ispettur David Saliba b’dak illi kien qallu Shepherd. L-imputat cahad illi dakinhar illi kien ha lil Shepherd sabiex ikellem lill-Ispettur David Saliba huwa kien hedded lil Shepherd fis-CID.

Illi xehed PC480 Carmel Diacono u qal illi jaf lill-imputat peress kienu hadmu flimkien ghal xi zmien Rahal Gdid. Huwa qal illi anke lil Christopher Shepherd jaf. Ix-xhud qal illi zmien qabel hu u l-imputat kienu marru biex jarrestaw lil Christopher Shepherd u precizament kienu dahlu Birzebbugia ghand missieru li kellu bar bl-isem “Shortly Bar”. Marru hemm hekk, sabu lil Shepherd li kien qieghed mal-‘billiards table’ u x’hin qalulu biex imur maghhom offra resistenza u qabad anke bocca tal-‘billiard’ sabiex iwwaddabilhom u x’hin haduh gie wicc imb’wicc mal-imputat u x-xhud rah jobzoqlu f’wiccu. Dahluh fil-karozza tas-servizz fejn baqa joffri resistenza t-tul kollu tat-triq minn Birzebbugia ghal Rahal Gdid u Shepherd qal lit-tnejn li huma li kien ser ippattihielhom.

Illi xehed PC988 Paul Grech u qal illi jaf lil Chrispher Sheperd peress illi gabuh il-'lock up' ta' Rahal Gdid l-imputat u PC480 u jiftakar illi huma u dehlin bih qabel il-kancell tac-cella sema hafna ghajjat u l-imputat beda joffendihom u jghidilhom li kien ser ipattihielhom u b'mod specjali huwa beda jhedded lill-imputat u beda jghidlu "jien naf fejn toqghod inti".

Illi rega' xehed Shepherd u qal illi huwa kien mar ghand l-imputat fejn kien hemm anke ommu.  Huwa xehed ukoll illi kellu kazijiet fuq serq ta' 'stereos' u ta' dan huwa ha l-kastig u li mhux kull darba li seraq 'stereo' kien gie imqabbad biex jaghmel hekk mill-pulizija.  Shepherd cahad illi qatt bezaq f'wicc l-imputat.  Anzi qal illi kien l-imputat li kien ghamel ghalih id-depot meta kien gie biex jarrestah u li kien anke heddu bit-tifla tieghu.  Shepherd ftakar illi darba minnhom il-pulizija kienu gew biex jarrestawh mix-Shortly Bar ta' missieru.  Pero' ma ftakarx illi kien gie jarrestah l-imputat. Pero' ftakar illi kien hemm zewg ufficjali tal-pulizija.

Illi xehdet omm l-imputat u qalet illi lil Christopher Shepherd ma tafux u illi binha ma jghix maghha imma ghandu d-dar tieghu.  Hija qalet ukoll illi qatt ma gie l-ebda guvnott ikellimha b'xi 'stereos' f'idejh sabiex hija tghaddihom lil xi hadd.

Illi xehed is-Supretendent Bertu Mula u qal illi huwa investiga lil Christopher Shepherd u li jaf li ghandu fedina penali ma tispicca qatt.

Ikkunsidrat :

Illi jezistu zewg verzjonijiet kompletament differenti. Filwaqt illi Christopher Shepherd jghid u isostni illi l-imputat fuq imsemmi kien irrikattah sabiex igieghelu jaghtih radio u speakers, l-imputat fuq imsemmi minn naha l-ohra jichad kategorikament illi qatt ghamel xi haga simili.

Illi x-xhud Christopher Shepherd, illi allega quddiem il-Qorti tal-Magistrati presjeduta quddiem il-Magistrat Dr. Saviour Demicoli illi huwa kien gie imgieghel jisraq ‘stereos’ tal-karozza minn fitzjali tal-pulizija. Illi meta xehed quddiem il-Magistrat Dr. Saviour Demicoli Shepherd ma semma l-ebda fizzjal partikolari. Pero’ sussegwentement huwa indika illi l-fizjal in kwistjoni kien l-imputat fuq imsemmi u allura diga wiehed jara inkonsistenza fix-xhieda ta’ Christopher Shepherd.

Illi l-Qorti ma tistax ma tikkonsidrax ukoll il-fatt li Christopher Shepherd ghandu fedina penali twila ferm u

dana kif jirrizulta mill-atti tal-process, kif ukoll kif anke gie ikkonfermat mill-istess Ufficjal Prosekutur.

Illi minn naha l-ohra l-imputat fuq imsemmi ghandu fedina penali netta u shabu tax-xoghol, fosthom l-Ispettur David Saliba, illi mieghu l-imputat kien xufier ikkonfermaw illi l-imputat kien bniedem integru li dejjem ghamel xogholu sew.

Illi jirrizulta ukoll mill-provi, kif intqal aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat, illi l-imputat kellu incident ma Christopher Shepherd fis-sens illi kien mar jarresta lil Shepherd u hemm hekk inqala incident fejn Shepherd kien ostili ferm mal-imputat u anke kien bezaqlu f’wiccu, kien hebb ghalih u ghal siehbu fizjal iehor tal-pulizija b’bocca tal-billiard u kien ukoll hedded b’mod partikolari lill-imputat.  Dan kollu gie ikkonfermat minn zewg fizjali tal-pulizija, kif intqal aktar ‘il fuq ukoll f’dan il-gudikat.

Illi Christopher Shepherd meta gie mistoqsi dwar dan l-incident partikolari ftakar l-incident.  Ftakar ukoll liz-zewg fizjali illi kienu xehdu fil-Qorti bhala z-zewg persuni li kienu involuti dakinhar tal-incident in kwistjoni, pero’ qal illi ma jiftakarx bl-ebda mod illi l-imputat fuq imsemmi kien involut f’dan l-incident.

Illi Anthony Magro tela jixhed fil-Qorti diversi drabi u kull darba biddel il-verzjoni tieghu. Darba minnhom il-Prosekuzzjoni stess iddikjarat lil Anthony Magro bhala xhud ostili.  Sussegwentement Magro rega tela jixhed quddiem din il-Qorti u din id-darba ftakar dak illi kien gara u xehed effettivament illi l-imputat kien hedded lil Shepherd, kien talbu jaghtih lura r-radio li kien seraq lill-kuginuh u fin-nuqqas kien heddu li kien ser jirrappurtah ghaliex kien saq minghajr licenzja.

Illi pero' irrizulta wkoll mill-provi illi Magro kellu incident mal-imputat fuq imsemmi fis-sens illi Magro kien allegatament gidem lil xi hadd hdejn il-bandli ta' Rahal Gdid, l-imputat fuq imsemmi ghal diversi ragunijiet ma xtaqx ikompli jahdem aktar ma Magro u allura l-Qorti ma tistax teskludi l-possibilita illi Magro xehed bil-mod kif xehed peress illi seta kien irrabjat dwar dak illi kien gara mal-imputat.

Illi oltre dan Magro kien ukoll gie investigat dwar dan il-kaz u fil-fatt jirrizulta illi Magro kien xtara radio minghand Shepherd, minkejja l-fatt illi kien jaf illi Shepherd kien kriminal.  Skond Magro wara xi gimgha ipprova r-radio, sab li ma kienx jahdem u tah lura lil Shepherd.

Illi fatt interessanti ukoll huwa li Magro xehed illi l-imputat fuq imsemmi xtara kemm radio casette, kif ukoll sett speakers minghand Shepherd, mentri l-istess Shepherd xehed fis-sens illi l-imputat xtara biss radio minghandu u ma xtara l-ebda speaker minghandu.

Illi hawn hekk jirrizulta car inkonsistenza fix-xhieda imressqa mill-Prosekuzzjoni.

Illi meta Magro gie mistoqsi dwar l-incidenti illi allegatament kien involut fihom fejn il-bandli ta' Rahal Gdid ghazel li ma iwiegibx ghad-domandi peress illi seta jinkrimina ruhu.

Illi rigward l-akkuza ta' ricettazzjoni, din l-akkuza certament ma giex ippruvata bl-ebda mod u dan peress illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx il-prova illi r-radio illi allegatament l-imputat xtara minghand Shepherd kien misruq u ghalhekk dan ir-reat certament ma giex ippruvat.

Illi l-Qorti tara illi l-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni huma wisq debboli u insufficjenti sabiex iwasslu sal-grad tac-certezza morali lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, kif rikjest mil-Ligi fil-kamp penali u ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi **<u>mhux hati</u>** tal-imputazzjonijiet kollha

migjuba kontra tieghu u qeghda **<u>tilliberah</u>** minn kull imputazzjoni htija u piena.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur